Creative, Innovative, Professional

## *Maria Regina College, Middle School, Naxxar.*

*Address*:- Maria Regina College, Middle School, Block A, New Street in Main Street, Naxxar.
*E-mail Address*:- mrc.naxxar.ms@ilearn.edu.mt
*Website*:- mrc.naxxarms.skola.edu.mt *Facebook*: https://www.facebook.com/MRCMiddleSchoolNaxxar/
*Tel. No.* :- 2598 6850, 2598 6876, 2598 6863

5 ta' Novembru 2018

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Kif ħabbarna fiċ-ċirkulari Nru. 5 tad 29 ta' Novembru, d-Direttorati tal-Edukazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol aġġorna l-proċeduri tal-attendenza li jridu jiġu osservati minn kulħadd, għall-benefiċċju tal-istudenti.

1. *Intom il-ġenituri/kustodji għandkom iċċemplu u wara tippreżentaw nota bil-miktub lill-Kap tal-Iskola fejn tridu tagħtu r-raġuni għaliex it-tifel tagħkom ma setax jattendi l-iskola. Trid tingħata ġustifikazzjoni għal* ***kull*** *ġurnata li fiha t-tifel ifalli l-iskola. Intom mitluba li, fejn hu possibbli, tipprovdu dokumenti li jivvalidaw ir-raġuni mogħtija. Il-Kap tal-Iskola, imbagħad, jinfurmakom jekk il-ġustifikazzjoni mogħtija ġietx aċċettata jew le.*

2. *Jekk il-ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' attendenza ma tiġix aċċettata mill-Kap tal-Iskola t-tfal jitniżżlu bħala* ***assenti****. Meta jgħaddu disat ijiem mingħajr ma tingħata raġuni valida tal-assenza tat-tfal, jittieħdu aktar miżuri.*

3. *Jekk it-tifel tagħkom mhuwiex jattendi skola għax jinsab ma jiflaħx, ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat jekk it-tifel ikun marid aktar minn* ***jumejn****. Jekk it-tifel ikun ma jiflaħx għal inqas minn jumejn, nota bil-miktub għandha tkun biżżejjed. Madanakollu, il-Kap tal-Iskola jista' jitlob ċertifikat mediku għal inqas minn jumejn meta dan jara li jkun fl-aħjar interess tat-tfal. Iċ-ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat meta t-tifel jirritorna l-iskola. Huwa importanti li t-tabib tal-familja li joħroġ iċ-ċertifikat mediku jimla wkoll il-Medical Certificate Record Card li trid tingħata lill-iskola flimkien maċ-ċertifikat mediku.*

4. *Studenti li jmorru btala waqt il-jiem tal-iskola jitniżżlu bħala assenti. Huwa biss f'każijiet fejn l-istudent ikun mistieden biex jagħmel żjara b'għan edukattiv li se jingħata l-permess wara li d-dokumenti meħtieġa jiġu ppreżentati lill-iskola. F'każijiet fejn ikun hemm raġuni familjari għandha wkoll tiġi ppreżentata ġustifikazzjoni bil-miktub lill-Kap tal-Iskola, li jinfurmakom jekk ir-raġuni mogħtija ġietx aċċettata jew le.*

5. *Kif stipulat fl-Att dwar l-Edukazzjoni Kapitlu 327, meta student jagħlaq 16-il sena wara li jkun beda l-Ħames Sena Sekondarja (Year 11) dan huwa legalment obbligat li jispiċċaha*.

Il-kollaborazzjoni tagħkom biex dawn il-proċeduri jiġu segwiti hija ħafna apprezzata għall-ġid ta' kull student.



Grazzi tas-sapport kontinwu tagħkom,

Lino Borg - Kap tal-iskola

F'din l-ittra l-kelma 'tifel' qiegħda tirreferi wkoll għas-sess femminili ('tifla'). Il-Kelma 'Kap tal-Iskola' tfisser ukoll rappreżentant tiegħu jew membru tat-Tim tat-Tmexxija.

School Awards

LEARNING ABOUT FORESTS

Active Schools Award